# Minuti

## Seduta Nru. 20/2012

Data: Il-Ġimgħa, 17 ta' Frar 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Rudolph Cini – *Membru*
Mario Xuereb – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida.

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. *Basic Life Support;*
6. Traffic Management;
7. Fuljett għar-Residenti, it-Tieni Ħarġa;
8. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
10. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 20/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 20/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:55pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 19/2012 li saret nhar it-13 ta' Jannar 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjonijiet **f'item 5.1** fejn tneħħew il-kliem *'Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li'*. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jgħati aġġornament u qal li flimkien mal-Perit Chris Cuschieri marru fuq il-post sabiex jaraw fejn tista' titwaħħal l-*isleeping policeman* fi Triq Indri Grima. Il-Perit Cuschieri ser jitlob kjarifika fuq il-kriterji li t-TM bagħat mal-permess sabiex l-*isleeping policeman* titwaħħal mija fil-mija skont il-liġi.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

**3.2** **Fuq punt 3.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jgħati aġġornament u qal li jrid iħejji kuntratt DRAFT li jkun miftiehem bejn il-Kappillan u l-Kumitat u dan jintbagħat lid-Dipartiment sabiex jibda' l-proċess tal-applikazzjoni tal-PPP.

Problema ta' Parking Applikazzjoni PPP

**3.3** **Fuq punt 6.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jispjega fuq l-Iskema tar-Restawr u qal li permezz ta' Memo 122/2011, bagħat l-applikazzjoni biex jiġi restawrat bini li mal-ħajt tiegħu hemm graffiti navali li dan jinsab fi Triq Graffiti Navali.

Skema ta' Restawr

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara email li ntbgħatet mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara rigward l-*isleeping policeman* fi Triq Graffiti Navali fejn il-Kunsill irrisponda li t-TM mhux qed jgħatu permessi aktar fuq dawn.

*Sleeping policeman* fi Triq Graffiti Navali

4.1.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu japplika dirett lit-TM.

**4.2** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara email li ntbgħatet minn JP2 Foundation fejn qed jipproponu li jsir kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca ġewwa l-Parroċċa San Ġorġ Preca. Id-data maħsuba għal din is-serata hija fit-8 ta' Mejju 2012 pero din id-data tiġi konfermata aktar 'l quddiem. L-ispejjeż li jinvolvu din l-attivita' ser ikunu total ta' €625 li huma printing tal-inviti u ħlas tal-performance tal-Cordia String Quartet.

Kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca

4.2.1 Il-Kumitat qabel unanimament li jorġanizza din is-serata fejn ser jagħmel ukoll konferenza stampa sabiex jippromwovi din l-attivirta'. Waqt din l-attivita', il-Kumitat għandu l-ħsieb ukoll li jgħati 'Ġieħ is-Swatar' skont l-istatut.

4.2.2 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li peress jinvolvu l-ispejjeż, il-Kumitat jibgħat għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Dan isir skont il-linji direttivi li nħarġu għall-Kumitati Amministrattivi, Memo 66/2010 paragrafu 5.2.

## 5. *Basic Life Support*

**5.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat il-flyer li ser jitqassam lir-residenti dwar il-korsijiet li ser isiru fuq BLS. *Basic Life Support*

5.1.1 Il-Kumitat qabel unanimament mal-flyer u l-kontenut tiegħu iżda qabel ma jiġi mqassam lir-residenti kollha tas-Swatar, iċ-Chairperson titlob lill-Profs Victor Sultana sabiex jiċċekkjah.

## 6. *Traffic Management*

**6.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat mappa li hemm immarkat fuqha l-proposti tal-Kumitat dwar *traffic management*. *Traffic Management*

6.1.1 Il-Kumitat qabel unanimament mad-dokument fejn dan għandu jintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni u permessi neċessarji.

## 7. Fuljett għar-Residenti, it-Tieni Ħarġa

**7.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat it-tieni ħarġa tal-fuljett għar-resident. Fuljett għar-Residenti, it-Tieni Ħarġa

7.1.1 Il-Kumitat qabel unanimament mad-dokument fejn dan għandu jintbagħat flimkien mal-flyer tal-BLS.

## 8. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**8.1** Ma kienx hemm ebda komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat.

## 9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**9.1** Iċ-Chairperson qalet li qabel ma tispiċċa din il-leġislatura tixrieq li issir statwa ta’ San Ġorġ Preca. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja jekk hemmx xi tip ta’ skema dwar dan. Statwa ta’ San Ġorġ Preca

## 10. Għeluq u Aġġornament.

**10.1** Il-laqgħa spiċċat fit-7:45pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa, 23 ta’ Marzu 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta’ Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita’ / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.1 | *Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.2 | Problema ta’ Parking | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1 | *Sleeping policeman* fi Triq Graffiti Navali | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.2 | Kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 5.1 | *Basic Life Support* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.1 | Traffic Management | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 7.1 | Fuljett għar-Residenti, it-Tieni Ħarġa | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 9.1 | Statwa ta’ San Ġorġ Preca | Aġent Segretarju Eżekuttiv |